**Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd**
Is-Sibt 24 ta' Diċembru 2016
Solennità tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu – Quddiesa tal-Vġili
Sena A

**Introduzzjoni**
Inġbarna hawn fi spirtu ta' stennija sabiex aktar tard illejla nassistu għall-misteru kbir tal-Inkarnazzjoni. Il-liturġija qed tkompli tistedinna sabiex inħejju ruħna għal din il-ġrajja hekk kbira li ta' kull sena tkompli tapprofondixxi l-iskop tal-ħajja tagħna bħala nsara.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Is 62, 1-5)
Il-Mulej Alla jitgħaxxaq bil-poplu tiegħu, u xhieda ta' dan, HU bagħat lil ibnu biex isalvah.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**It-Tieni Qari** (Atti 13, 16-17.22-25)
San Pawl jgħid li l-grazzja ta' Alla għas-salvazzjoni tal-bnedmin dehret propju fil-miġja ta' ibnu Ġesù fid-dinja bħala bniedem.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 1, 1-25)
It-tnissil ta' Ġesù Kristu huwa riżultat ta' storja kbira li laħqet il-milja tagħha f'Marija l-omm qaddisa, u Ġużeppi r-raġel ġust.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**
Filwaqt li nkomplu ngħixu spirtu ta' stennija, inressqu l-ħidmiet tagħna f'riġlejn l-artal.
Inkantaw flimkien.

**Tqarbin**
Alla jgħammar fina kull darba li aħna nersqu bi ħġarna sabiex nirċevuh fl-Ewkaristija.
Nersqu għat-tqarbin bi spirtu ta' talb u ġabra, filwaqt li nkantaw flimkien.